

DEĊIJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Diċembru 2008

dwar in-noninklużjoni ta' ċerti sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 7803)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/941/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

(5) Għalhekk, is-sustanzi attivi fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni ma għandhomx jiġu inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju tal-1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (¹), u b'mod partikolari r-raba' sottoparagrafu tal-Artikolu 8(2) tagħha,

(6) Billi n-noninklużjoni ta' dawn is-sustanzi mhix ibbażata fuq il-preżenza ta' indikazzjonijiet ċari ta' effetti dannużi kif stipulat fl-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 2229/2004, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jżommu l-awtorizzazzjonijiet sal-31 ta' Diċembru 2010, skont l-Artikolu 25(3) tar-Regolament (KE) Nru 2229/2004.

Billi:

(1) L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE jistipula li Stat Membru, matul perjodu ta' 12-il sena wara n-notifika ta' dik id-Direttiva, jista' jawtorizza t-tqegħid fis-suq fit-territorju tiegħu ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jkun fihom sustanzi attivi li ma jkunux jinsabu fl-Anness I ta' dik id-Direttiva u li jkunu digħi fis-suq sentejn wara n-notifika, waqt li dawk is-sustanzi jkunu qed jiġu investiġati gradwalment fil-qafas ta' programm ta' ħidma.

(7) Kwalunkwe perjodu ta' konċessjoni mogħti minn Stat Membru għar-riġi, il-ħażin, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom is-sustanzi elenkat, għandu jiġi limitat għal perjodu ta' 12-il xahar biex il-ħażniet eżistenti jkunu jistgħu jintużaw f'mħux aktar minn staġġun ta' tkabbir wieħed ieħor.

(2) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1112/2002 (²) u (KE) Nru 2229/2004 (³) jistipulaw ir-regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-raba' stadju tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE u jistabbilixxu lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġi evalwati, bl-għan li jiġi possibbilment inklużi fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE. Dik il-lista tħalli s-sustanzi attivi miżjudha fl-Anness għal din id-Direttiva.

(8) Din id-Deċiżjoni hija bla ħsara għat-tressiq ta' applikazzjoni ġidida skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 33/2008 tas-17 ta' Jannar 2008 (⁴) li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward ta' proċedura regolari u aċċelle-rata għall-valutazzjoni ta' sustanzi attivi li kienu jagħmlu parti mill-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) ta' dik id-Direttiva iżża li ma ġewx inklużi fl-Anness I tagħha, skont il-proċedura aċċellerata stipulata fl-Artikolu 13 sa 22 ta' dak ir-Regolament.

(3) Fi żmien xahrejn mill-wasla tal-abbozz tar-rapport tal-valutazzjoni, in-notifikaturi kkonċernati rtirtaw volontarjament l-appoġġ tal-inklużjoni ta' dawk is-sustanzi, skont l-Artikolu 24e tar-Regolament (KE) Nru 2229/2004.

(9) L-Artikoli 13 sa 22 tar-Regolament (KE) Nru 33/2008 jipprovd u għal proċedura aċċellerata għal tali applikazzjoni ġidida. Dik il-proċedura tippermetti lin-notifikaturi, li s-sustanza tagħhom ma għietx inkluża minħabba li ġiet irtirata, li jaġħmlu applikazzjoni ġidida skont il-proċedura aċċellerata stipulata fir-Regolament (KE) Nru 33/2008. Huma u jibagħtu l-applikazzjoni l-ġidida skont din il-proċedura, in-notifikaturi jistgħu jibagħtu biss id-dejta addizzjonal meħtieġa għall-indirizzar tal-kwistjoni speċifiċi li għalihom għie identifikat bżonn ta' iktar informazzjoni matul il-valutazzjoni tar-riskju. Kull notifikatur irċieva l-abbozz tar-rapport tal-valutazzjoni li jidentifika dik id-dejta.

(4) Il-Kummissjoni eżaminat l-abbozzi tar-rapporti ta' valutazzjoni, ir-rakkmandazzjonijiet mill-Istati Membri relaturi u l-kummenti tal-Istati Membri l-oħra u waslet għall-konkużjoni li l-Artikoli 24b u 24f ma japplikawx. Konsegwentement, japplika l-Artikolu 24e.

(¹) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.

(²) ĠU L 168, 27.6.2002, p. 14.

(³) ĠU L 379, 24.12.2004, p. 13.

(⁴) ĠU L 15, 18.1.2008, p. 5.

- (10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-sustanzi fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni ma għandhomx jiġu inklużi bħala sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

Artikolu 2

Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010, l-Istati Membri għandhom jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom sustanza waħda jew iktar minn dawk fl-Anness.

Artikolu 3

Kull perjodu ta' konċessjoni mogħti minn Stati Membri skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 91/414/KEE għandu jiskadi mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulu fi Brussell, 8 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni*

ANNESS

LISTA TA' SUSTANZI ATTIVI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1

Sustanza Attiva	Abbozz tar-rapport tal-valutazzjoni mgħoddi lin-notifikatur nhar
1-Decanol	fis-7 ta' April 2008.
6-Benzyladenine	fil-25 ta' Frar 2008.
Aluminium sulphate	fil-31 ta' Marzu 2008.
Azadirachtine	fit-18 ta' Frar 2008.
Bromadiolone	fil-11 ta' Lulju 2008.
Ethoxyquin	fit-13 ta' Marzu 2008
Fatty alcohols	fit-3 ta' April 2008
Indolylacetic acid	fit-13 ta' Marzu 2008
Indolylbutyric acid	fit-13 ta' Marzu 2008.
Lime sulphur	fil-31 ta' Marzu 2008.
Naphthylacetic acid	fit-3 ta' Marzu 2008
1-Naphthylacetamide	fit-3 ta' Marzu 2008.
Propisochlor	fis-16 ta' Mejju 2008.
Quassia	fis-17 ta' Marzu 2008.
Zinc phosphide	fil-11 ta' Lulju 2008.